TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 93/14-F

**Damian Pandolfino**

**vs**

**Lilywhite Laundry & Dry Cleaning**

Illum 9 ta' Jannar, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-5 ta' Mejju, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, erba' mija u erbgħin ewro (€1,440), rappreżentanti l-prezz ta' *coat* illi wara li ttieħed għal *dry cleaning*, dan ixxrinkja.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa *coat* għal *dry cleaning* għand is-soċjeta' intimata u wara li sar il-proċess ta' *dry cleaning*, dan il-*coat* kien ixxrinkja, bil-konsegwenza li dan lanqas seta' jintlibes aktar.

L-intimat issottometta illi x-xogħol sar skond is-sengħa u l-arti, u li ġara ma kienx it-tort tiegħu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, ukoll kien ordna lill-mara tar-rikorrenti sabiex tilbes il-*coat* quddiemu, u t-Tribunal jinnota li l-*coat* verament kien ixxrinkja, u filwaqt illi t-Tribunal jinnota wkoll li dan il-*coat* kien ilu għandu għal dawn l-aħħar tliet snin.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħames mitt ewro (€500), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888